MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 227/2007

**Awtorita' Marittima ta' Malta u b'digriet moghti fl-20 ta' April 2012 l-atti ta' din il-kawza gew assunti mill-'Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta'**

**Vs**

**Thomas Abela**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-Awtorita' rikorrenti talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' elf disa' mija u sebgha u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm1937.10) rapprezentanti prezz ta' facilitajiet ta' rmiggjar (*berthing fees*) ipprovduti lill-konvenut fuq talba tieghu stess in rigward il-*boat 'Lady Who'* u hlasijiet ohra ancillari, hekk kif jidher minn *statement* tat-3 ta' Jannar, 2006 anness mar-rikors u ezebit bhala Dok 'A'. Ghalkemm intbaghtet ittra legali fil-11 ta' April 2006 (Dok

B) u ittra ufficjali nhar it-23 ta' Mejju 2006 (Dok C) l-ammont mitlub ghadu dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali msemmija u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 4 tal-atti w immarkati Dok 'A', Dok 'B' u Dok 'C'.

Rat ir-risposta (fol 6 ibid) tal-istess intimat li eccepixxa bir-rispett:-

In linea preliminarja l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 218 tal-Kodici Civili cioe' il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.

Illi subordinament, u wkoll in linea preliminarja, f'kaz li l-ewwel eccezzjoni tigi respinta il-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artiklu 2156, u cioe' il-preskrizzoni ta' hames snin.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizju ghas-suespost, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan stante illi huwa biegh u ttasferixxa il-lancja tieghu lil certu Vincent Buttigieg fl-1998, u ta' dan, l-Awtorita' attrici kienet debitament mgharrfa kif se jirrizulta fis-smiegh ta' din il-kawza.

Rat id-digriet moghti kameralment fid-9 ta' Marzu 2009 (fol 31 sa fol 33A ibid) u li bih il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut ghall-kjamata fil-kawza ta' Victor Buttigieg.

Rat il-verbal tas-seduta tal-17 ta' Ottubru 2011 (fol 54 ibid) minn fejn jidher li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mill-istess konvenut.

Rat id-digriet moghti fl-20 ta' April 2012 (fol 71 sa fol 73 ibid) u li bih l-atti ta' din il-kawza gew asunti mill-'Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta'.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess Awtorita' rikorrenti (fol 74 et seq ibid) debitament migjuba a konjizzjoni tal-intimat (ara ukoll fol 70 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, bhala provi, gew prodotti s-segwenti:-

a) Chris Schembri, impjegat mal-Awtorita' rikorrenti bhala 'berthing meter' u inkarigat sabiex jalloka postijiet ta' rmigg fil-yacht Marina' sitwata fl-Imsida u f'Ta Xbiex. Hu spejga li l-ammont mitlub jkopri 'berthing fees' ghall-lanca 'Lady Who' ghas-snin bejn l-1998 sal-2003, liema lanca hi registrata fuq isem il-konvenut. L-istess ammont gie kalkolat a bazi ta' dak li jinghad fl-Avviz Legali 71 tal-1991 w ir-regolamenti relattivi. Ix-xhud esebixxa zewg ittri (fol 16 u fol 17 ibid) li bihom il-konvenut, fit-8 ta' Novembru tas-sena 2000 kien talab li jinghata rmigg iehor aktar vicin lejn l-art u fit-tieni lok permezz ta' ittra ufficjali presentata fl-14 ta' Lulju 2006, kien irrespinga t-talba tal-istess Awtorita' ghas-somma mitluba peress li '…. Id-dghajsa 'Lady Who' ilha trasferita lil terzi ghal dawn l-ahhar hames snin u b'dan kienet anke informata l-Awtorita …..'. Hawnhekk ix-xhud spjega x'kienet il-procedura, sabiex jsir it-trasferiment ta' post ta' irmigg lil terza persuna, liema procedura, pero, ma gietx segwita mill-konvenut. Filfatt l-istess xhud kien tkellem ma u spjega lill-konvenut x'kienet din il-procedura sabiex jigi effettwat dan it-traferiment izda jidher li l-konvenut ma sewgiex dak li nhad lilu (ara ukoll l-ittra ufficjali a fol 20 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-konvenut (fol 51, fol 55 u fol 68 et seq ibid kif ukoll in-nota b'dokumenti esebiti minnu a fol 58 et seq ibid) xehed illi d-dghajsa in esami kien bieghha lil Vincent Buttigieg wara l-Milied tal-1989 bi ftehim verbali li l-istess kompratur kellu jhallas mill-1 ta' Jannar 1990 kull hlas li kellu jsir fuq l-istess dghajsa inkluzi l-'berthing fees'. Pero jidher li, skond dejjem l-istess konvenut li Vincent Buttigieg kien naqas li jhallas l-ahhar ammont tal-prezz dovut cjoe Lm1000 u ghalhekk hu kien kostrett li jiftah

kawza fil-Qorti li ntrebhet minnu. Matul iz-zmien w il-perjodu tal-kawza kemm l-Avukat tieghu kemm hu stess kien jinforma lill-Awtorita' dwar dak li kien qed jigri fl-istess procedura. Wara li dawn spiccaw fl-1996 Vincent Buttigieg kien hallas kollox u ghalhekk seta' jiehu l-istess dghajsa izda ppretenda li l-konvenut kellu jhallas tlett xhur 'berthing fees' imhallsin di gja mill-istess Buttigieg, liema hlas filfatt sar mill-konvenut. Dwar l-ittra annessa a fol 16 ibid u li ggib id-data tat-8 ta' Novembru 2000, hu kkonferma li din inkitbet minnu u ghalhekk jidher li kien talab illi jinghata post ta' irmigg aktar vicin l-art lejn l-Imsida. Inoltre hu esebixxa diversi dokumenti kif jidher a fol 58 et seq ibid. Fl-ittra ufficjali esebita a fol 59 u datata l-21 ta' Mejju 1999 hu kien interpella lill-Vincent Buttigieg sabiex jhallas il-bilanc ta' prezz dovut ' liema bejgh sar fl-1996' kif ukoll sabiex '… tirregola ruhhek mal-Awtorita Marittima rigward l-ammonti dovuti ghall-irmieg u licenzji …'. Fl-ittra a fol 61 jidher li din intbaghtet lid-Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili waqt li dik a fol 62 hi fuq l-istess materja ta' apparat ta' telegrafija. A fol 63 tinsab ittra datata t-22 ta' Settembru 1999 mibghuta lill-Avukat tal-konvenut mill-Awtorita' rikorrenti u fiha qed jintalbu l-istess 'berthing fees' ghax id-dghajsa kienet ghadha registrata fuq isem l-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, fil-meritu, jidher mill-provi prodotti, li l-konvenut ma hux qed jikkontesta l-'quantum' mitlub izda qed jghid li ma huwiex il-legittimu kontradittur in vista tal-bejgh li sar minnu lil Vincent Buttigieg '.. fl-1998' u '… ta' dan l-Awtorita kienet debitament mgharrfa'. Illi dwar dan il-punt, il-Qorti tara li ghandha taqbel ma dak sottomess mill-istess Awtorita' fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, bazata kif inhi fuq il-gurisprudenza hemm citata. Fil-qasir jinghad li l-Awtorita' ghandha diskrezzjoni li tassenja l-uzu ta' facilitajiet ta' rmigg fil-'yacht marinas' u ghalhekk terzi persuni ma jistghux bejniethom, jinnegozjaw trasferimenti ta' rmigg. Izda jidher ukoll li l-Awtorita' bdiet tuza' policy' li '.. jekk utent ta' rmigg jiffirma dikjarazzjoni illi huwa lest li jcedi l-facilita tieghu lis-sid gdid ta' dghajsa u jipprovdi d-dokumenti relattivi ghat-trasferiment tad-dghajsa, allura l-

Awtorita' tirrikonoxxi lis-sid il-gdid u tibda tohrog il-fatturi lilu'. Dwar dan, Chirs Schembri kif di gja nghad, kien xehed illi spjega, personalment, lill-konvenut x'kienet il-procedura ghal trasferiment ta' post ta' rmigg lis-sid il-gdid. Illi din il-procedura f'dan il-kaz bl-ebda mod ma giet segwita mill-konvenut. Anzi jidher li l-istess konvenut kien talab fis-sena' 2000 (ara fol 16 ibid) illi l-post ta' rmigg tal-istess dghajsa jigi spostat, kif diga ntaqal, liema talba jidher li giet akkolta (ara l-kliem 'Pieta 12').

Illi, ghalhekk, jidher li l-eccezzoni kif sottomessa mill-konvenut ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lill-Awtorita' rikorrenti s-somma ta' Lm1937.10 ossija €4512.23 bl-imghax legali dovut 'a scaletta' skond id-dokument a fol 2 tal-atti u markat 'Dok A' sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2006.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------